# IL-QANPIENA L-ANTIKA TAL-KNISJA PARROKKJALI TA' L-IMQABBA 1788 - 1789

Kitba ta' Carmen Lia B. Ed. (Hons), B.A.

Nistgħu ngħidu li llum fil-Gżejjer Maltin is-sengħa ta' brunżar li jfondi qniepen kbar għall-knejjes spiċċat għal kollox. [1] Fil-passat, però, kellna bosta mgħallmin fil-metalli. Dawn kienu jaħdmu u jipprattikaw is-sengħa tagħhom fi żmien il-Kavallieri u damu sa l-ewwel żminijiet ta' l-Ingliżi f'Malta. Fil-bidu ta' dan is-seklu kien għad baqa' xi wieħed jew tnejn. [2] Jidher imbagħad li jew ħadd ma interessa ruħu f'din is-sengħa jew il-mastri brunżara ma għaddewx is-sengħa tagħhom lill-oħrajn u b'hekk din is-sengħa llum spiċċat għal kollox.

Fost il-ħafna brunżara Maltin li fil-passat għamlu opri kbar li baqgħu jissemmew insibu lil Ferdinandu Bastjan Scotta (jew Leotta), Ġużepp Grech, Pawlu Farrugia, Ġużeppi Triganza u wliedu Ġwakkin u Franġisku, Salvu Cauchi u ibnu Ġulju u Gio Anton Tanti [3] li minbarra li kien brunżar kien ukoll arloġġar.

## KAMPNAR WIEĦED

Il-Knisja Parrokkjali ta' l-Imqabba tlestiet fl-1689 u għandha kampnar wieħed biss mibni fil-ġenb tagħha. Il-kampnar hu mżejjen b'seba' qniepen. Il-kbira magħrufa "Tal-Mejlaq" saret mid-ditta ta' Aldo u Prospero Barigozzi f'Milan, l-Italja u l-benefatturi tagħha kienu Mikiel Zammit u martu Giovanna. Swiet is-somma ta' Lm460. Inġiebet fl-Imqabba fl-aħħar ġranet tas-sena 1931.

Tliet qniepen oħra saru minn Mastru Ġuljan Cauchi ta' Bormla fl-1876. Waħda minnhom hija miż-żgħar - "Tal-Vġili". It-tieni qanpiena tiegħu hija dik imsejħa "It-Terza" Il-flus għaliha nġabru mis-Saċerdot Dun Francesco Inguanez. Dawn iż-żewġ qniepen għadhom jeżistu fil-kampnar.

Il-qanpiena magħrufa bħala "Il-Fustanija" ma kellhiex storja daqstant sabiħa għaliex sfortunatament iġġenġlet u tħassret u minflok ġiet miżmuma għall-antikità tagħha, iddewbet biex issir qanpiena oħra minflokha. "Il-Fustanija" kienet ukoll xogħol Mastru Ġuljan Cauchi u saret fl-1876 a spejjeż ta' Filippo Borg mill-Belt li kellu l-laqam "Ta' l-Imkabba" jew "Tad-Daxxa."

Fil-kampnar tħares lejn il-koppla nsibu qanpiena żgħira oħra magħrufa bħala "Iż-Żubu" għax min għamilha kienu jsibuh f'dan ir-raħal bil-laqam "Iż-Żubu". Din saret fl-1932 mid-Ditta Aldo u Prospero Barigozzi ta' Milan, l-Italja u l-benefatturi tagħha kienu Mikiel Xuereb u mártu Antonia.

Fl-1965 fuq l-inizjattiva tal-Monsinjur Carmelo Bianco saret qanpiena ġdida. Ħallsu għaliha l-aħwa Monsijuri Gio Battista Ghigo u Dottor Angelo Ghigo. Inħadmet mid-ditta Bianchi ta' Varese, l-Italja u ħadet post il-qanpiena antika magħrufa bl-isem ta' "Il-Fustanija." [4]



*Il-Qanpiena l-Qadima, xogħol l-aħwa Triganza fl-1788-89.*

Il-qanpiena l-oħra li hemm fil-kampnar hija qadima u fuqha m'hemm l-ebda kitba jew xbieha. Għad ma rnexxilix insib meta u fejn saret.

L-eqdem qanpiena fil-kampnar li nafu dwarha saret fl-1789 u hija magħrufa bħala "l-Antika". Din għadna nsibuha fil-kampnar imdendla fl-arkata li tħares lejn Triq il-Parroċċa jew kif inhi magħrufa mal-Imqabbin "It-triq tan-Nofs". Hija t-tieni l-ikbar qanpiena fl-Imqabba u saret fil-funderija tal-Imgħallmin Ġwakkin u Franġisku aħwa Triganza. Dan ma jfissirx li qabel din id-data ma kinux jeżistu qniepen oħra fir-raħal tagħna. Fi żmien meta l-arloġġi ma kinux jeżistu jew kienu ftit, il-qniepen kienu l-leħen li jservi biex issejjaħ lil ulied il-Parroċċa għal-laqgħat liturġiċi, jfakkruh fit-talb ta' matul il-ġurnata u jħabbrulu ġrajjiet solenni, ġrajjiet ta' ferħ u anke ta' niket. [5]

L-Imqabbin jistgħu jħossuhom fortunati li għadhom igawdu l-kampnar bil-qniepen ġewwa fih għaliex fit-Tieni Gwerra Dinjija, sewwa sew fid-9 ta' April, 1942 fis-siegħa ta' wara nofs in-nhar, sar attakk aħrax fuq Malta u fuq l-Imqabba waqgħet bomba tal-għadu li

għamlet ħafna ħsara u qatlet xi nies. Il-Knisja tagħna ntlaqtet ukoll minn din il-bomba li waqqgħet il-koppla, kisret l-artal u l-orgni u għamlet ħsarat oħra. Għalkemm il-bomba waqgħet sewwa sew ftit piedi 'l bogħod mill-kampnar, u għalkemm il-kampnar ġarrab xi ħsara żgħira, b'danakollu l-ebda waħda mill-qniepen ma ġarrbet ħsara.

## JINTGĦAŻLU L-FONDITURI TRIGANZA BIEX ISSIR IL-QANPIENA "L-ANTIKA" GĦALL-KAMPNAR

Fost il-ħafna fondituri li għamlu qniepen sbieħ insibu lil Ġużeppi Triganza [6] (1660-1737) u lil uliedu Ġwakkin (1726-1796) u Franġisku lkoll mill-Belt Valletta. Dawn kienu l-fondituri tal-Ordni tal-Kavallieri ta' San Gwann. Jidher li dawn studjaw is-sengħa tagħhom barra minn Malta. Il-funderija tal-Ordni kienet tinsab quddiem it-Teatru Rjal, ħdejn Putirjal, il-Belt. Din il-funderija kienet bini kbir, bħal tarzna, imsejjaħ il-Fjank jew il-Ferrerija. Dan il-bini ġġarraf fl-1876 u kien jinsab eżattament fejn illum hemm il-Ministeru tas-Sigurtà Soċjali. Dawn il-fondituri kienu jaħdmu l-armamenti, qniepen kbar u żgħar u oġġetti oħra tal-metall għall-Kavallieri u għall-Maltin. Ix-xogħlijiet tagħhom insibuhom imxerrda ma' bosta bliet u rħula Maltin.

Fost l-opri prinċipali tal-familja Triganza nsibu l-Balliju (mezzabust) fil-bini fejn kienet tinsab il-Garrison Library, il-Belt, illum l-Istitut Kulturali Taljan; kanun li llum jinsab quddiem il-bini tal-Qorti fi Pjazza Assedju fil-Belt Valletta xogħol ta' Franġisku Triganza (1760) kif turi l-kitba li tinsab fuqu u diversi qniepen maġġuri għal ħafna parroċċi bħal tal-Għargħur ta' 17-il qantar fl-1778, tal-Qrendi ta' 18-il qantar fl-1788, ta' Ħal-Kirkop ta' 10 qnatar fl-1795, ta' Ħal-Luqa fl-1796 ta' 14-il qantar u żewġ qniepen għall-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ tar-Rabat, Għawdex. Għamlu ħafna qniepen żgħar ukoll. Hawn min isostni wkoll li l-bust tal-Gran Mastru Manoel de Vilhena (1736) li llum jinsab il-Furjana huwa xogħol tagħhom ukoll.

Għalhekk, meta f'Awissu tal-1788 il-Kappillan Dun Alwiġ Bartilmew Caraffa, il-Prokuraturi tal-Knisja u l-abitanti tal-Imqabba ftehmu li ssir qanpiena ġdida għall-Knisja, l-għażla ta' brunżar ma setgħetx ma taqax fuq Gwakkin u Franġisku l-aħwa Triganza li f'dak iż-żmien kienu fl-aqwa tagħhom.

## IL-FTEHIM

L-aħwa Triganza obbligaw ruħhom jaħdmu fil-funderija tagħhom tal-Belt u jfondu qanpiena tal-bronz għall-Knisja ta' l-Imqabba permezz ta' kitba fl-atti tan-Nutar Francesco Caruana tas-17 ta' Awwissu 1788 [7]. Bħala rappreżentanti ta' l-Imqabba fuq il-kuntratt dehru l-Prokuraturi tal-Knisja Michele Galea u Don Gio Maria Zammit [8] flimkien ma' Francesco Zammit, Giorgio Zammit, Mattia Zammit u Giuseppe Cutajar. Gwakkin Triganza deher f'ismu u f'isem ħuh Franġisku. Il-ftehim sar u ġie ffirmat fil-Knisja tal-Imqabba fejn kien hemm miġbur ukoll il-Poplu Mqabbi.

Dan il-kuntratt notarili huwa importanti għaliex jitfa' dawl fuq ix-xogħol u s-snajja' ta' missirijietna u nistgħu nisiltu minnu tagħrif dwar l-istorja ta' l-Imqabba u dwar din il-qanpiena.

Skond il-ftehim ta' dan il-kuntratt il-qanpiena kellha tkun tiżen madwar erbatax-il qantar. Il-qanpiena kellha tkun magħmula bil-perfezzjoni kollha u bla ebda difett jew xi mankament ieħor, maħduma tajjeb skond ir-regoli tal-arti u tas-sengħa mill-aqwa bronz li ma kellux ikun imħallt. Kellha tkun ukoll intonata tajjeb.
Il-figuri u l-iskrizzjonijiet li kienu ser isiru fuq il-qanpiena kellhom jiġu miftiehma mal-istess Prokuraturi tal-Knisja.

Il-qanpiena kellha tkun lesta minn kollox sal-festa tal-Għid il-Kbir tas-sena ta' wara u kellha tiġi konsenjata lill-istess Prokuraturi fil-funderija tagħhom tal-Belt. Il-Prokuraturi żammew il-patt li jekk ma tkunx lesta sa dak iż-żmien miftiehem, kienu jagħmlu oħra a spejjeż tal-aħwa Triganza li minn naħa tagħhom żammew id-dritt li jekk ikollhom ħafna xogħol tal-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann, dan kellu jsir qabel ix-xogħol tal-qanpiena.

L-armar u l-ħtiġijiet l-oħra biex il-qanpiena tittella' f'postha fil-kampnar riedu jieħdu ħsiebhom il-fondituri li kellhom ukoll iniżżlu l-qanpiena li kien hemm diġà fil-kampnar, jarmawha f'post ieħor u mbagħad itellgħu l-qanpiena l-ġdida.

Il-ħlas għax-xogħol tal-qanpiena kellu jiġu kalkolat bil-110 skud kull qantar. Fuq il-kuntratt tħallset is-somma ta' 500 skud lill-aħwa Triganza qabel jibdew ix-xogħol. Il-kumplament tal-ħlas kellu jsir f'ammont wieħed jew iżjed fi żmien tliet snin mid-data tal-att però milli jidher il-flus għaliha nġabru f'inqas żmien milli kien mistenni għax f'Settembru tas-sena 1789 tħallsu 600 mitt skud per saldu tal-prezz tal-qanpiena.

## IL-KUNTRATT TA' SETTEMBRU 1789

Wara li tlestiet il-qanpiena, sar kuntratt ieħor għand in-Nutar Filippo Loduca GianMalva fit-13 ta' Settembru 1789 [9]. Dan jitkellem dwar ir-rendikont finali tal-ħlas li sar għall-qanpiena. Fuq il-kuntratt dehru ż-żewġ fondituri Gwakkin u Frangisku aħwa Triganza. Il-Prokuratur tal-Knisja li kien Michele Galea qabbad lil Pawlu Schembri bin Alojsio mill-Belt biex jiffirma f'ismu għax ma kienx jaf jikteb. Iż-żewġ xhieda kienu Giuseppi Schembri mill-belt Valletta u l-kjeriku Vincenzu Schembri bin Alojsio mill-Belt Valletta wkoll.

*Il-kuntratt kien jgħid hekk:*
"Illum Tlettax tax-Xahar ta' Settembru tas-sena elf seba' mija disgħa u tmenin."

Is-Sinjuri Ġwakkin u Franġisku aħwa Triganza wlied il-mejjet Giuseppi residenti l-belt Valletta minni Nutar magħrufa presenti quddiemi minn jeddhom jgħidu u jikkonfermaw li rċevew mingħand l-Imgħallem Michele Galea bin il-mejjet Giuseppi mill-Imqabba minni Nutar ukoll magħruf, li qed iħallas bħala Prokuratur f'isem il-




*Parti mill-Kuntratt li sar fit-17 ta' Awissu 1788, quddiem in-Nutar Francesco Caruana li bih l-aħwa Triganza intrabtu li jaħdmu qanpiena imdaqqsa għall-Parroċċa ta' l-Imqabba.*

Poplu ta' dan ir-raħal 600 skud, tnax- il-tari kull skud, liema somma qed titħallas quddiemi f'munita tal-fidda. U dawn is-600 skud qegħdin jitħallsu per saldu tal-prezz ta' 1522 skud, 4 tari u 17-il grani, prezz tal-qanpiena tal-bronz magħmula mill-aħwa sinjuri Triganza għas-servizz ta' din il-Knisja Parrokkjali tal-Imqabba, li għandha piz ta' 13-il qantar u 84 ratal, ikkalkolat bil-110 skud kull qantar li dawna s-sinjuri aħwa Triganza kienu obbligaw ruħhom li jaħdmu bis-saħħa tal-kuntratt li sar fl-atti tan-Nutar Francesco Caruana tas-sbatax ta' Awwissu 1788.

U hekk huma ħalfu billi missew din il-kitba. Sodisfatti. Magħmul f'Malta f'din il-belt Valletta quddiem ix-xhieda.
Iffirmati: Gwakkin Triganza
Franġisku Triganza

Pawlu Schembri bin Alojsio mill Belt mqabbad minn Michele Galea li ma jafx jikteb.
Sg. Giuseppi Schembri mill-Belt. Xhud.
Jiena kjeriku Vincenz Schembri bin Alojsio mill-Belt.

## IL-QANPIENA

Fuq din il-qanpiena nsibu x-xbiha ta' Santa Marija Mtellgħa s-Sema u taħtha hemm din il-kitba:

**CLERUS - POPULUSQUE MICABBENSES
A. B. CARAFFA RETTORE."**

"A.B. Caraffa" huwa l-isem tal-Kappillan tal-Imqabba ta' dak iż-żmien, jiġifieri Dun Alwiġ Bartilmew Caraffa. Il-qanpiena kif tindika l-kitba ta' fuqha saret spejjeż tal-kleru u tal-abitanti ta' l-Imqabba.

Taħt nett fuq il-qanpiena hemm miktub ukoll: "FRATRES TRIGANCE FECERUNT 1789". Fuq naħa oħra tal-qanpiena hemm xbiha li ma tantx hi ċara. Forsi hija ta' Sant' Agata.

Il-piz tal-qanpiena huwa ta' 13-il qantar u 84 ratal u b'hekk tiżen ħafna inqas mill-qanpiena l-Kbira magħrufa bħala "Tal-Mejlaq." L-ilsien tagħha huwa tal-ħadid u huwa marbut mal-ħolqa tal-qanpiena permezz ta' striŋġa twila magħmula mill-ġlud tal-annimali. Din l-istriŋġa tiġi midluka b'xaħam biex tibqa' ratba u flessibli.

## IL-KAPPILLAN DUN ALWIG BARTILMEW CARAFFA

Il-Kappillan Dun Alwig Bartilmew Caraffa, li fi żmienu saret il-qanpiena "l-Antika", serva fl-Imqabba mit-22 t'Ottubru 1787 sal-25 t'April 1802. Achille Ferris jiddeskrivih bħala Kappillan twajjeb, eżemplari u

*ikompli f'paġna 65*

**Katie's Best Buy**

90, St.. Basil Street (wara l-Knisja)
"FESTA T-TAJBA" to all our Customers from
RICK AND KATIE

ħabrieki, "molto zelante e avea acquistato l'amore di suoi parrocchiani, i quali lo tenevano in stima distinta. Dopo la sua promozione a canonico avea proveduto la chiesa della Micabiba di parecchi paramenti sacri. Il nome del parroco Caraffa è ricordato dagli anziani del casale con molta tenerezza." [10]

Dun Alwig Bartilmew Caraffa kien ukoll bniedem onest u fdat mill-Maltin. Irridu niftakru li meta saret il-qanpiena fl-1789 kienet bdiet ir-Rivoluzzjoni fi Franza. Il-Franċiżi ħadu l-Malta fl-1798 imma fit-2 ta' Settembru tal-istess sena l-Maltin irvellaw kontra l-Franċiżi u fi żmien l-Imblokk tal-Maltin kontra l-Franċiżi nġabru suldati minn ħafna rħula u bliet u dawn tqassmu f'kumpaniji bil-kmandi tagħhom. Dawn il-Maltin ġabru armi, porvli u bnew trunċieri f'Ħaż-Żabbar, f'Tas-Samra u f'bosta bnadi oħra. Il-Kappillan tal-Imqabba ħa sehem f'din ir-rivolta. F"idejh kienet fdata d-direzzjoni tal-korp rivoluzzjonarju Mqabbi u dan kien magħżul aktar għall-ħila u l-kapaċità li jrieġi. [11]

*REFERENZI*


1. *Iż-żewġ brunżara li jinsabu f'Malta llum ma jaħdmux qniepen kbar.*
2. *Fil-bidu ta' dan is-seklu kien għad baqa' jaħdem Ġulju Cauchi. Kellu karattru ta' wieħed riservat u forsi din kienet waħda mir-raġunijiet għalfejn din is-sengħa spiċċat.*
3. *Gio Anton Tanti minn Ħal-Tarxien ħadem l-arloġġ tal-kampnar tal-Knisja ta' l-Imqabba.*
4. *Tagħrif dwar dawn il-qniepen ser jidher f'ħarġiet oħra tal-programm tal-Festa.*
5. *Jingħad li saret qanpiena fl-1600 fi żmien il-Kappillan Dun Indrì Farrugia. Tagħrif dwarha għad ma rnexxilix insib iżda tajjeb insemmu li fil-Viżta Pastorali li għamel fir-raħal tagħna l-Isqof Monsinjur Mikiel Giovanni Balaguer Camarasa fil-21 ta' Novembru tal-1636 isemmi li fuq il-bejt tal-Knisja li kien hemm dak iż-żmien kien hemm qanpiena tal-bronz:- "campanam aeneam tacto superpositam." Ara Viżta Pastorali fl-Imqabba ta' l-Isqof Mikiel Giovanni Balaguer Camarasa.*
6. *F'xi kuntratti tal-qniepen, Gwakkin u Franġisku ffirmaw kunjomhom bħala Trigance. Però kunjomhom insibuh miktub ukoll Tregance jew Triganza.*
7. *Nutar Francesco Caruana, 17 ta' Awwissu, 1788, Arkivju tan-Nutara, 151/16, p. 554-556.*
8. *Dun Gio Maria Zammit u Mikiel Galea kienu Prokuraturi tal-Knisja mill-1 ta' Jannar 1788 sal-31 ta' Diċembru 1811. Ara Descrizioni Storica tal Cnisia Parrochiali tal Imkabba, Sac. D. Laurenz Zammit.*
9. *Nutar Filippo Loduca GianMalva, 13 ta' Settembru, 1789, Arkivju tan-Nutara, 5/877, p. 34.*
10. *Ferris Achille: Descrizione Storica Delle Chiese di Malta e Gozo, Malta, 1886.*
11. *Faurè Giovanni: Storja ta' Malta u Għawdex u Testa Carmelo, Maż-Żewġ Naħat tas-Swar, Vol. 2, 1980, Vol. 3, 1982.*



Zneiber

Confectionery & Pastizzerija

Orders Accepted for
Weddings and All Occasion Parties

6, St. George's Street, Luqa
Tel: 677230